# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru**

**Citaz. Nru. 1269/98GV**

Doc. 123-01

**Alfred Chetcuti**

**vs**

**Martin Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Gunju, 1998 li permezz taghha l-attur ippremetta li l-konvenut talab u otjena mill-Qorti l-hrug ta' mandat ta' Sekwestru kontra martu Giuseppa Azzopardi, li jgib in-numru 802/98, ghal pretenzjoni minnu vantata, ghas-somma ta' Lm10,141 u liema mandat gie notifikat lil banek kollha u fil-Mid-Med Bank, sezzjoni Mosta, hemm depositati f'isem Giuseppa Azzopardi, omm l-attur, zewg depositi denominati "a/c Alfred" flimkien ma l-interessi akkumulati, u f'bank iehor hemm depositu iehor f'isem Giuseppa Azzopardi, li parti mis-somma tieghu tappartjeni lill-attur.

Premess li s-somma globali ta' Lm4,000 tappartjeni lill-attur, li kien ircevihom in parti mill-Australia u in parti minn ghand nannuh meta huwa kien minorenni, u li ghalaq 18 il-sena dan l-ahhar, u ghalhekk Giuseppa Azzopardi ddepositat dik is-somma f'isimha meta kien ghadu minorenni.

Premess li l-konvenut gie nformat b'dawn il-fatti bi protest prezentat fil-25 ta' Mejju, 1998 u mitlub jillibera mill-effetti tal-istess mandat is-somma ta' Lm4,000 u nteressi relattivi akkumulati, ghal liema talba l-konvenut baqa' inadempjenti.

Premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provedimenti opportuni, l-attur talab lil din il-Qorti:

1. jigi dikjarat li mis-somom sekwestrati, is-somma ta' Lm4,000 u l-interessi relattivi akkumulati tappartjeni lill-attur; u

2. konsegwentement il-Qorti tordna li mill-effetti tal-mandat ta' Sekwestru fuq riferit, tigi rilaxxata nkondizzjonatamewnt is-somma ta' Lm4,000 u l-interessi relattivi akkumulati biex dawn jigu liberament zbankati mill-attur.

B'rizerva ghal kull azzjoni ta' danni, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest tal-25 ta' Mejju, 1998 kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi <u>in linea preliminari</u> n-nullita' ta' l-avviz ghas-smiegh tal-kawza odjerna peress li hemm indikat li l-Awla fejn ser tinstemgha l-kawza hija Awla "X", meta fil-Qrati tal-Gustizzja tar-Repubblika ta' Malta ma hemm l-ebda Awla "X" , u dan imur kontra r-regolamenti tal-Qorti u l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-lok fejn ser tinstemgha kawza irid ikun precizament identifikat u facilment identifikabbli, u dana skond kif ikkonfermat minn sentenza moghtija ricentement mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fuq

mertu simili, u kwindi tali avviz tas-smiegh tac-citazzjoni odjerna huwa null u ghandu jerga jigi notifikat mill-gdid lil konvenut wara li jkun indikat fih l-Awla preciza li fih sejra tinstemgha din il-kawza odjerna.

2. Illi l-konvenut Azzopardi Martin m’ghandu u qatt ma kellu l-ebda relazzjoni ma Chetcuti Alfred li jigi t-tifel tal-mara ta’ Azzopardi Martin, pero’ minn relazzjoni li din kellha qabel ma zzewget lill-konvenut Azzopardi Martin. Illi ghalhekk meta l-konvenut talab u ottjena mill-Qorti l-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru kontra martu Azzopardi Giuseppa li jgieb in-numru 802/98 ghas-somma ndikata fll-ewwel premessa u debitament notifikat skond il-Ligi, il-konvenut issalvagwarda l-pretenzjonijiet tieghu kontra martu skond il-ligi, u ghalhekk jekk da parti taghha Azzopardi Giuseppa mart il-konvenut Martin Azzopardi ma haditx il-prekawzzjonijiet, jekk dak li hija qed tallega huwa minnu, biex tissalvagwarda l-posizzjoni ta’ binha minn persuna ohra li mhux il-konvenut Azzopardi Martin, il-konvenut Azzopardi Martin zgur li m’ghandu l-ebda tort f’dan il-qasam, u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u jekk huwa l-kaz, l-istess konvenut ghandu jirregola l-posizzjoni tieghu fil-Ligi fil-konfront ta’ martu Azzopardi Giuseppa.

3. Illi kwantu ghat-tieni premessa tal-attur, il-konvenut ma jaf xejn dwar l’allegatament x’jista’ jappartjeni lill-attur jew le, billi kull m’ghamel il-konvenut Azzopardi Martin kien illi meta huwa fl-elf disa’ mija seba’ u disghin (1997) intavola l-kawza ta’ separazzjoni u talbiet konnessi fl-ismijiet “Azzopardi Martin -versus- Azzopardi Giuseppa”, huwa kif regolarment isir f’kawzi simili talab u ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru sabiex l-istess konvenut ikun jista’ jissalvagwardja l-pretenzjonijiet tieghu tal-komunjoni ta’ l-akkwisti fir-rigward tal-mara tieghu Azzopardi Giuseppa, u ghaldaqstant l-konvenut m’ghandu l-ebda relazzjoni ta’ l-ebda forma ma l-attur Chetcuti Alfred u ghalhekk it-talbiet tal-attur ma jistghux jigu meqjusa fir-rigward

tal-konvenut imma l-istess attur ghandu jirregola ruhu skond il-Ligi fil-konfront ta' ommu Azzopardi Giuseppa.

4. Illi l-konvenut ma setax jagixxi sempliciment a bazi ta' taghrif mibghut lilu mill-konsulent legali tal-mara tieghu Azzopardi Giuseppa li jidher li huwa wkoll il-konsulent legali ta' binha Chetcuti Alfred, jekk l-istess konvenut ma jkollux id-dokumentazzjoni kollha ghad-disposizzjoni tieghu biex huwa jkun jista' jevalwa x'jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti jew x'ma jappartjeniex, peress li tali nformazzjoni Azzopardi Giuseppa mart il-konvenut Azzopardi Martin qatt ma fornita' lill-imsemmi zewgha l-konvenut odjern. Ghalhekk, il-konvenut m'ghandu jbati ebda forma ta' kundanna minn din l-Onorabbli Qorti, ghandu jinghata t-tgharif mehtieg dwar dak kollu li jappartjeni lill komunjoni ta' l-akkwisti, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, u fic-cirkostanzi ghandu l-ewwel u qabel kollox tigi determinata sakemm tasal fil-fazi ta' *'res judicata'* il-kawza ta' firda li hemm pendenti bejn il-konvenut u martu biex b'hekk il-konvenut ikollu l-pretenzzjonijiet tieghu kollha salvagwardati skond il-Ligi.

5. Illi l-konvenut m'ghandu jbati l-ebda konsegwenzi fir-rigward ta' xi nuqqasijiet allegati mill-attur meta jekk kien hemm xi nuqqasijiet dawn sehhew biss da parti ta' omm l-attur li tahbat ukoll mart il-konvenut fiz-zwieg li llum tkisser irremedjabilment, liema konjugi Azzopardi jinsabu *'de facto'* isseparati, u hemm il-kawza ta' firda pendenti bejniethom l-ewwel dehra ghal nhar it-Tlieta, disa' ta' Frar, tal-elf disa' mija disa' u disghin (09.02.1999), fid-disa' ta' fil-ghodu quddiem din l-Onorabbli Qorti kif ippreseduta, u fejn allura bl-akbar umilta' jaghmel sens li dawn iz-zewg kawzi jimxu flimkien quddiem din il-Qorti gja' la darba huma ippreseduti mill-istess Onorabbli Imhallef.

6. Illi l-konvenut ma huwa responsabbli ghaldaqstant, ghall-ebda danni allegati mill-attur u m'ghandu jbati l-ebda forma ta' spejjez, anzi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fic-cirkostanzi.

7. Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tkun mgharrfa li fil-kopja tac-citazzjoni li biha gie notifikat il-konvenut ma kienx hemm indikat l-indirizz tal-attur Chetcuti Alfred, izda biex il-konvenut juri kemm huwa lest li jikkopera ma din il-Qorti u kemm ma hemm l-ebda malafede da parti tieghu, huwa rricerka l-indirizz ta' omm Chetcuti Alfred u f'dak l-indirizz huwa qieghed jassumi li jirrisjedi l-attur u ghalhekk qieghed debitament jinnotifikah b'din in-nota ta' l-eccezzjonijiet odjerna.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li mis-somom sekwestrati bil-mandat ta' sekwestru 802/98 is-somma ta' Lm4,000 u l-interessi relattivi akkumulati jappartjenu lill-attur; konsegwentement tordna li mill-effetti tal-mandat ta' sekwestru fuq riferit tigi rilaxxata nkondizzjonatament is-somma ta' Lm4,000 u l-interessi relativi akkumulati biex dawna jigu liberament zbankati mill-attur.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa**:** dwar l- eccezzjoni preliminari ma ngabu ebda provi u l-konvenut ma nsistiex fuqha. Fit-tieni eccezzjoni l-konvenut eccepixxa li hu m'ghandu ebda relazzjoni ma Alfred Chetcuti. Hu hareg il-mandat ta' sekwestru kontra martu Giuseppa Azzopardi (omm l-attur) u jekk dak li qed tallega Azzopardi hu minnu, hu m'ghandu ebda tort ghal li gara. Fit-tielet eccezzjoni l-konvenut qal li hu ma jaf xejn dwar dak li allegatament jappartjeni lill attur jew le. Hu hareg is-sekwestru kontra martu biex jissalvagwardja l-pretenzjoni tieghu kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti. Fil-paragrafu 4 tal-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut qal li hu ma setghax jagixxi semplicement a bazi ta' taghrif mibghut lilu mill-konsulent legali tal-mara tieghu meta hu wkoll konsulent ta' binha, l-attur, u qabel ma kellu d-dokumentazzjoni kollha ghad-disposizzjoni tieghu. Fil-hames paragrafu qal li m'ghandu jbati l-ebda konsegwenzi fir-rigward ta' xi nuqqasijiet allegati mill-attur jekk kien hemm xi nuqqasijiet da parti ta' omm l-attur. Hu m'hu responsabbili ghal ebda danni u m'ghandu jbati ebda spejjez, anzi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur ghamel din il-kawza billi qed jallega li mill-flus sekwestrati mill-konvenut bil-mandat li dan hareg kontra martu Giuseppa Azzopardi kien hemm xi Lm4,000 li kienu jappartjenu lilu. Hu xehed li kien irceva flus mill-Awstralja, u billi kien ghadu minorenni, ommu kienet ghamlithom f'kont taghha imma *on account Alfred*. Dan gie konfermat minn ommu Giuseppa Azzopardi u minn ohta Carmen Attard. Dan jirrizulta mid-dokumenti li jinsabu a fol. 32 sa 36. Fid-dokument a fol. 32 jirrizulta li din Carmen Attard kienet iddepozitat Lm1,727.72 a/c Fred (li hu l-attur). L-istess jirrizulta mid-dokumenti minn 33 sa 36 A/C Alfred (li hu l-attur). J. Azzopardi xehdet u wriet lill Qorti kotba tal-bank li qeghdin fuq isem Mrs. Josephine Stevens *on account* Alfred. Ix-xhud gabet dokument (fol. 65) biex turi li qabel izzewwget lill konvenut kien kunjomha Stevens. Din

xehdet ukoll li kienet ghamlet il-flus fuq isimha imma *on account* ta' Alfred billi kien ghadu minorenni u kienet bdiet iggemmalu l-flus minn meta kellu xi tlieta, erba' snin.

Il-konvenut xehed li hu ma kienx jaf li dawn il-flus kienu jappartjenu lill attur u li Josephine Azzopardi qatt ma qaltlu. Jirrizulta mid-dokumenti a fol. 30 u 31 li l-konvenut kien gie infurmat qabel saret il-kawza li kien hemm xi flus minn dawk sekwestrati li kienu jappartjenu lill attur personalment, imma sakemm giet prezentat din il-kawza jidher li l-attur ma kienx ghadda d-dokumentazzjoni lill konvenut biex jipprova dak li kien qed ighid kien minnu, ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez.

Kwantu ghall ammont mitlub mill-attur, fejn qal li hemm xi Lm4,000 jirrizulta mid-dokumenti li kien hemm is-segwenti:

Lm1,727.27 depozitati minn C. Attard ghand il-Bank of Valletta.
Lm2,000.00 depozitati mal-Mid Med (617026473)
Lm349.03 depozitati mal-Mid Med (614128747)
B'kollox Lm4,076.30

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tiddikjara li mis-somom sekwestrati bil-mandat ta' Sekwestru 802/98 is-somma ta' Lm4,076.30 tappartjeni lill-attur;

konsegwentement tordna li mill-effetti tal-mandat ta' Sekwestru fuq riferit tigi rilaxxata nkondizzjonatament is-somma ta' Lm4,076.30 biex din tigi liberament zbankata mill-attur.

Spejjez,kullhadd tieghu.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**